

Aġenzija Ewropea għat-tmexxija
operattiva tas-sistemi tal-IT fuq
skala kbira fl-ispazju tal-libertà,
is-sigurtà u l-ġustizzja

27.02.2013

2013-015

NOTA TA' KOPERTURA

Minn	Il-President tal-Bord tat-Tmexxija
Lil:	Il-Bord tat-Tmexxija
Dokument	
Preċedenti	
Suġġett	Rapport ta' Attività 2012

eu-LISA

Rapport ta' Attività 2012

Werrej

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV	3
2. INTRODUZZJONI.....	3
3. BAĠIT 2012	4
3.1. Nefqa Amministrattiva (Titoli 1 u 2).....	4
3.2. Nefqa Operattiva (Titolu 3)	5
4. REKLUTAĠĠ.....	5
4.1. Id-Direttur Eżekuttiv.....	5
4.2. Il-Persunal tal-Aġenzija.....	5
4.3. L-Uffiċjal tas-Sigurtà, l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà	7
4.4. L-Istruttura Organizzattiva	8
5. IT-TMEXXIJA OPERATTIVA TAS-SISTEMI.....	9
6. L-ISTRUTTURA TAL-BORD TAT-TMEXXIJA U L-GRUPPI KONSULTATTIVI	10
6.1. Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija	10
6.2. Laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi.....	12
7. SITI TAL-AĠENZIJA	12
7.1. Il-bini tal-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, l-Estonja	12
7.2. Is-sit tekniku fi Strasburgu, Franza.....	13
7.3. Ir-rilokazzjoni tas-sistema tal-EURODAC.....	14
8. FTEHIM DWAR IL-KWARTIERI ĠENERALI MAL-ESTONJA U FTEHIMIET DWAR IS-SITI MA' FRANZA U L-AWSTRIJA.....	15
8.1. Ftehim dwar il-kwartieri ġenerali mal-Estonja.....	15
8.2. Ftehim dwar is-Sit permezz tal-Ftehim dwar is-Sit ta' Franza.....	16
8.3. Ftehim dwar is-Sit permezz tal-Ftehim dwar is-Sit tal-Awstrija.....	17
9. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA	17

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA) twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1), li daħal fis-seħħ nhar il-21 ta' Novembru 2011. Skont ir-Regolament, l-Aġenzija nġhatat il-mandat sabiex tibda terfa' r-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-kompiti ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012.

L-attivitajiet matul il-biċċa l-kbira tal-2012 ikkonċentraw fuq it-twaqqif tal-istrutturi vitali tal-Aġenzija (it-tnejn tas-siti u l-installazzjoni tat-tagħmir meħtieġ), l-implimentazzjoni tal-istruttura governattiva tagħha (it-twaqqif tal-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi tagħha), ir-reklutaġġ tad-Direttur Eżekuttiv u tal-membri ewlenin tal-persunal, kif ukoll it-tnejn għall-akkwiżizzjoni tat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT (b'mod partikolari, il-preparamenti tekniċi u loġistiċi, il-monitoraġġ u t-taħriġ tal-persunal). Fl-aħħarnett, minn Diċembru 2012 'il quddiem, eu-LISA saret responsabbli mit-tmexxija tal-ewwel żewġ sistemi mogħtija lilha, jiġifieri il-VIS u l-EURODAC. B'mod parallel, eu-LISA ħejjiet għall-akkwiżizzjoni tal-operazzjonijiet ta' SIS II (li mistennija jsiru ladarba din is-sistema tidħol fis-seħħ fl-2013).

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li twettqu matul l-2012 fit-twaqqif ta' eu-LISA, sabiex isiru t-tnejn għall-wasla bla xkiel tad-Direttur Eżekuttiv u għad-dħul fis-seħħ tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija fl-1 ta' Diċembru 2012.

2. INTRODUZZJONI

eu-LISA tikkontribwixxi għaż-żamma ta' fruntieri esterni sikuri, għall-kooperazzjoni effettiva tal-pulizija u għall-implimentazzjoni tal-politika Ewropea dwar il-viża u l-ażil, permezz tal-iżgurar tat-tmexxija operattiva u l-kontinwità tal-operazzjonijiet ta' għadd ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

L-uffiċċju tal-eu-LISA jinsab f'Tallinn, l-Estonja. Il-kompiti relatati mal-iżvilupp u tmexxija operattiva tas-sistemi attwali u dawk tal-ġejjieni jitwettqu fi Strasburgu, Franza. F'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija, ġie installat sit ta' riżerva (BCU) li kapaċi jiżgura t-tħaddim ta' sistema tal-IT fuq skala kbira f'każ ta' ħarsa f'sistema bħal din.

Skont l-Artikolu 36 tar-Regolament fundatur, *"il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-istabbiliment u l-operat inizjali tal-Aġenzija sakemm din tal-aħħar ikollha l-kapaċità operattiva biex timplimenta l-baġit proprju tagħha."* Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni (DG HOME), bħala d-DG prinċipali, kellu l-inkarigu li jwaqqaf l-eu-LISA. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twaqqif tal-eu-LISA, fis-16 ta' April 2012 inġatar Direttur Eżekuttiv interim mill-Kummissjoni Ewropea. Id-

Direttur Eżekuttiv interim eżerċita din il-funzjoni sakemm id-Direttur Eżekuttiv ħa l-inkarigu tiegħu f'Novembru.

Kif ġie preskritt mir-Regolament fundatur, ir-Rapport tal-Attività Annwali għas-sena ta' qabel għandu jiġi sottomess mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord tat-Tmexxija u jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija sal-31 ta' Marzu ta' kull sena. Imbagħad, sal-15 ta' Ġunju tal-istess sena, l-istess rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

Il-Bord tat-Tmexxija sejjer jiddiskuti r-Rapport tal-Attività 2012 waqt l-ewwel laqgħa tiegħu tal-2013 bil-għan li jadottah u jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-15 ta' Ġunju 2013.

3. BAĠIT 2012

Il-baġit globali għall-2012 kien ta' 21,275,000 € u r-rata tal-implimentazzjoni fl-2012 laqgħet kważi 90%.

3.1. Nefqa Amministrattiva (Titoli 1 u 2)

L-implimentazzjoni tal-baġit amministrattiv ta' eu-LISA (il-linja baġitarja 18 02 11 01) laqgħet livell għoli għalkemm ma laqgħitx il-mira tal-2012 għal raġunijiet oġġettivi li ma setgħux jiġu previsti. Matul l-2012 kien disponibbli ammont totali ta' 15,335,000 € fuq it-Titolu 1 (5.228.000 €) u fuq it-Titolu 2 (10.107.000 €). Din iċ-ċifra kienet tinkludi t-trasferiment mhux awtomatiku ta' krediti li ma setgħux jintużaw fl-2011. B'kollox, sal-aħħar tal-2012, ġie implimentat l-ammont ta' 13,165,068 € fi krediti ta' impenn, sabiex b'hekk intlaqgħet rata ta' implimentazzjoni ta' kważi **86%**.

Din ir-rata ta' implimentazzjoni għolja kienet possibbli minħabba l-fatt li r-reklutaġġ tal-persunal ta' eu-LISA kien iffinalizzat saż-żmien skedat (ir-rata tar-reklutaġġ ta' 99% intlaqgħet) għalkemm, għal raġunijiet prattiċi, kienu 60% biss ta' dawk li ġew impjegati fl-2012 li kienu bdew fil-kariga ġdida tagħhom sal-aħħar tas-sena. B'mod simili, nefqiet oħrajn relatati mal-persunal, bħal dawk fuq it-taħriġ u l-missjonijiet tal-membri tal-persunal impjegati ġodda, urew xejra ta' tkabbir b'mod progressiv.

In-nefqiet ewlenin taħt it-Titolu 1 kienu jinkludu provvedimenti għal salarji (4,550,000 €), taħriġ (650,414 €) u spejjeż relatati mar-reklutaġġ (818,760 €). Taħt it-Titolu 2, tpoġġa disponibbli impenn globali ta' 4,900,000 € sabiex ikopri l-ispejjeż relatati mat-twaqqif tal-infrastruttura interna tal-IT ta' eu-LISA, l-ispejjeż għas-servizzi tas-sigurtà u n-nefqa taħt il-kuntratti multiannwali mal-fornituri tal-ilma, tal-enerġiji, tal-manutenzjoni u ta' servizzi oħrajn li huma direttament relatati mal-operazzjonijiet li jsiru ta' kuljum fuq is-sit tekniku.

In-nuqqas ta' nfiq kien dovut primarjament għad-dewmien fl-akkwiżizzjoni tas-siti tal-Aġenzija f'Tallinn u fi Strasburgu. Fil-fatt, għall-ewwel kien previst li eu-LISA kellha tiegħu l-pussess tal-bini temporanju tal-Kwartieri Ġenerali tagħha f'Tallinn f'Ġunju 2012 u tas-sit tekniku fi Strasburgu fl-1 ta' Novembru 2012. Madankollu, innegozjati dwar il-kondizzjonijiet speċifiċi li taħthom eu-LISA għandha twestaq l-

operazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi ospitanti kienu għadhom ma ġewx konklużi sal-aħħar tal-2012. B'riżultat ta' dan, l-akkwiżizzjoni tal-bini kellha dewmien, li konsegwentement ħalla impatt fuq in-nefqa relatata mal-ispejjeż infrastrutturali u operattivi.

L-aġenzija eu-LISA ħadet pussess tal-bini temporanju f'Tallinn nhar is-17 ta' Ottubru 2012. Skont l-iskeda attwali, is-sit ta' Strasburgu se jjer jiġi ttrasferit lill-aġenzija eu-LISA f'April 2013. Huwa biss f'dan il-mument illi hija tkun tista' timplimenta b'mod sħiħ il-politika tagħha fir-rigward tal-infrastruttura u tuża l-krediti ddedikati għal dan il-għan.

3.2. Nefqa Operattiva (Titolu 3)

Il-krediti ta' impenn disponibbli taħt it-Titolu 3 tal-baġit ta' eu-LISA (il-linja baġitarja 18 02 11 02) għan-nefqa operattiva (5,940,000 €) intużaw kompletament sal-aħħar tal-2012 (rata ta' implimentazzjoni ta' **100%**). In-nefqa ewlenija saret fuq il-kuntratt li sar ma' kuntrattur estern responsabbli mill-manutenzjoni evoluzzjonarja tal-VIS (4,109,591 €).

4. REKLUTAĠĠ

4.1. Id-Direttur Eżekuttiv

L-avviż ta' post battal għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv (Grad AD 14) ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-24 ta' Novembru 2011 (ĠU C 344 A), f'tit jiem biss wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-Aġenzija. Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet kienet it-22 ta' Diċembru 2011. Għal din il-pożizzjoni applikaw 68 kandidat mill-UE. Il-proċess tar-reklutaġġ ippreveda serje ta' fażijiet tal-għażla, li laħqu l-qofol tagħhom fil-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA matul it-tieni laqgħa tiegħu (Ġunju 2012), meta ntgħażel is-Sur Krum Garkov (BG).

Wara stqarrija li saret quddiem il-Kumitat LIBE fl-10 ta' Lulju 2012 u l-adozzjoni ta' opinjoni mill-Parlament Ewropew (fis-6 ta' Settembru 2012), is-Sur Garkov inħatar mill-Bord tat-Tmexxija permezz ta' proċedura bil-miktub fl-aħħar ta' Settembru. Huwa beda bl-inkarigu tiegħu f'Tallinn fl-1 ta' Novembru 2012.

Sabiex jibdwew it-tnejniet għall-operazzjonijiet inizjali ta' eu-LISA u b'konformità mal-artikolu 36.2 tar-Regolament tat-twaqqif, fis-16 ta' April 2012 inħatar Direttur Eżekuttiv interim mill-Kummissjoni Ewropea. Id-Direttur Eżekuttiv interim eżerċita din il-funzjoni sakemm ħa l-inkarigu tiegħu d-Direttur Eżekuttiv.

4.2. Il-Persunal tal-Aġenzija

Il-proċeduri tar-reklutaġġ għall-persunal ta' eu-LISA ġew immedija fl-aħħar tal-2011 u twettqu matul l-2012. Sal-aħħar tas-sena, kien hemm 39 membru tal-persunal li kienu ħadu l-inkarigi tagħhom (7 f'Tallinn u 32 fi Strasburgu); filwaqt li ġew aċċettati **35** offerta oħra ta' impjeg li kellhom jibdwew fil-bidu tal-2013.

Il-proċeduri tar-reklutaġġ segwew erba' mogħdijiet ewlenin:

4.2.1. Sejħa miftuħa għall-espressjoni tal-interess

Fit-23 ta' Novembru 2011 ġiet ippubblikata *sejħa miftuħa għall-espressjoni tal-interess* b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), li tkopri l-erba' profili li ġejjin:

- It-Tmexxija (fil-grad AD 10 u AD 12);
- Is-Sigurtà (fil-grad AD 5 u AD 7);
- L-Ispċjalisti tal-IT (fil-grad AD 5, AD 7 u AD 9);
- L-Appoġġ u l-Assistenza fl-IT (fil-grad AST 3 u AST 5).

Għal din il-proċedura tar-reklutaġġ applikaw madwar 2000 kandidat. Ġew stabbiliti sitt bordijiet tal-għażla sabiex jieħdu ħsieb din il-proċedura tar-reklutaġġ, li kienu komposti minn membri tad-DĠ HOME u minn rappreżentanti tal-persunal. Il-fażi ta' qabel l-għażla (permezz tal-għodda ta' identifikatur tat-talenti) tlestiet sal-aħħar ta' Marzu 2012. Sussegwentement, il-bordijiet tal-għażla kkoreġew l-eżamijiet bil-miktub u għamlu l-intervisti bil-fomm.

Dan il-proċess tal-għażla wassal għat-twaqqif ta' disa' listi ta' riżerva, waħda għal kull grad fi ħdan l-erba' profili. Il-listi ta' riżerva għad-disa' gradi kollha ġew approvati mill-Awtorità tal-Ħatra (id-Direttur Eżekuttiv *interim*) matul Lulju u fil-bidu ta' Awwissu 2012. Sa nofs Awwissu, l-applikanti kollha ġew mgħarrfa permezz tal-kont tal-EPSO tagħhom dwar jekk kinux tpoġġew fuq il-lista ta' riżerva jew le. L-inklużjoni fuq il-listi ta' riżerva ma tagħti ebda garanzija li l-persuna sejra tiġi impjegata. L-offerti tal-impjiegi ntbagħtu immedjatament wara.

4.2.2. Reklutaġġ permezz tal-listi ta' riżerva eżistenti

Barra minn hekk, u wara l-parir tal-EPSO, ġie deċiż li l-membri tal-persunal li jkopru pożizzjonijiet orizzontali għandhom jintgħażlu kemm jista' jkun possibbli mil-listi ta' riżerva eżistenti. Għal dan il-għan, fit-3 ta' Novembru 2011, l-EPSO bagħat e-mail lil-lawrjati kollha li kienu fuq listi ta' riżerva validi u li kienu għandhom ma ġewx impjegati bħala uffiċjali mill-istituzzjonijiet tal-UE, fejn talabhom sabiex jesprimu l-interess tagħhom f'madwar 20 pożizzjoni fil-Kwartieri Ġenerali ta' eu-LISA f'Tallinn fl-oqsma li ġejjin:

- L-Amministrazzjoni u l-Koordinazzjoni Ġenerali (fil-grad AD 5 u AD 7);
- Il-Liġi (fil-grad AD 7);
- Il-Finanzi, l-Awditjar u l-Akkwisti (fil-grad AD 5, AD 7 u AD 9);
- L-Appoġġ Amministrattiv u Loġistiku (fil-grad AST 3 u AST 4).

Il-kandidati magħżula f'lista qasira li applikaw għal din il-proċedura tar-reklutaġġ ġew intervistati fir-rebbiegħa tal-2012 u r-reklutaġġ tal-persunal beda qabel is-sajf tal-2012. Il-pożizzjonijiet kollha kienu bbażati f'Tallinn. L-ewwel membri tal-persunal bdew bl-inkarigi tagħhom f'Lulju fil-bini tad-DĠ HOME u mbagħad ġew irrilokati lejn Tallinn fl-1 ta' Novembru 2012.

4.2.3. Reklutaġġ ta' membri tal-persunal tekniċi bl-esperjenza

Sabiex jiġi żgurat id-dħul fl-operat mingħajr xkiel ta' eu-LISA, kien imperattiv li jsir ir-reklutaġġ ta' numru limitat ta' membri tal-persunal tekniċi b'esperjenza fit-tmexxija tal-unitajiet ċentrali tas-sistemi tal-IT relatati ma' Schengen u Dublin (SIS 1, VIS u EURODAC).

Għal dan il-għan, fit-30 ta' April 2012 ġiet ippubblikata *sejħa miftuħa għall-espressjoni tal-interess*, bid-data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet tkun it-30 ta' Mejju 2012, li tkopri l-erba' profili li ġejjin:

- Kap tad-Dipartiment (fil-grad AD 12);
- Uffiċju ta' Informazzjoni dwar l-IT (fil-grads AST 3, AST 4 u AST 5);
- Assistent tas-Sigurtà fl-IT (fil-grad AST 5);
- Speċjalista tal-IT (fil-grads AD 5, AD 7 u AD 9).

Inħatru tliet bordijiet tal-għażla sabiex jieħdu ħsieb din il-proċedura tar-reklutaġġ. Il-bordijiet kienu komposti minn membri tad-DĠ HOME u minn rappreżentanti tal-persunal.

Wara l-wasla ta' 86 applikazzjoni, fil-21 ta' Ġunju 2012 saru eżamijiet bil-miktub fi Strasburgu. L-intervisti saru fi Strasburgu u Brussell matul ix-xahar ta' Settembru 2012. Il-listi ta' riżerva kienu disponibbli f'Settembru / Ottubru 2012. Il-pożizzjonijiet kollha kienu bbażati fi Strasburgu. L-offerti tal-impjiegi ntbagħtu f'Diċembru 2012. Il-membri tal-persunal magħżula minn dawn il-listi ta' riżerva għandhom jibdew b'ħidmiethom f'Marzu-April 2013.

4.3. L-Uffiċjal tas-Sigurtà, l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà

Ir-Regolament li jstabbilixxi l-Aġenzija jipprevedi li l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta, l-Uffiċjal tas-Sigurtà u l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà jinħatru direttament mill-Bord tat-Tmexxija (u mhux mid-Direttur Eżekuttiv, bħall-bqija tal-membri tal-persunal). Għalhekk, l-avviżi tal-postijiet battala għal dawn it-tliet pożizzjonijiet ġew sottomessi lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni waqt l-ewwel laqgħa tiegħu f'Marzu 2012.

Wara l-approvazzjoni, fl-10 ta' Mejju 2012 ġew ippublikati t-tliet avviżi tal-postijiet battala, bid-data tal-iskadenza għall-applikazzjoni tkun l-10 ta' Ġunju 2012, fil-grads li ġejjin:

- Uffiċjal tas-Sigurtà (fil-grad AD 10);
- Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta (fil-grad AD 10);
- Uffiċjal tal-Kontabbiltà (fil-grad AD 9).

Minħabba n-numru limitat ta' applikazzjonijiet li ġew irċevuti, id-data tal-iskadenza ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2012. Fl-istess ħin, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Gruppi Konsultattivi ntabu jxerrdu l-avviżi tal-postijiet battala fi ħdan l-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom.

Wara l-estensjoni tad-data tal-iskadenza għall-applikazzjoni, ġew irċevuti 48 applikazzjoni. Inħatru tliet bordijiet tal-għażla sabiex jieħdu ħsieb din il-proċedura tar-reklutaġġ. Huma kienu komposti minn membri tad-DĠ HOME u rappreżentanti tal-persunal. Minħabba l-ispeċifiċità tal-profil, l-esperti mid-DĠ għall-Baġit (l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà), mid-Direttorat tas-Sigurtà (l-Uffiċjal tas-Sigurtà) u mid-DĠ għall-Ġustizzja (l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta) kienu wkoll parti mill-bordijiet.

Il-bordijiet tal-għażla evalwaw l-applikazzjonijiet kollha li ġew irċevuti matul ix-xahar ta' Settembru (billi vvalutaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla) u ħejjew lista qasira ta' kandidati li kellhom jiġu mistiedna għall-eżami bil-miktub u l-intervista. L-eżamijiet bil-miktub u l-intervisti saru fi Brussell matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru. Il-listi ta' riżerva għall-pożizzjonijiet ta' Uffiċjal tal-Kontabbiltà u Uffiċjal tas-Sigurtà kienu disponibbli sal-bidu ta' Novembru 2012. Il-lista ta' riżerva għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta kienet disponibbli f'Diċembru 2012.

Matul il-ħarifa, il-President tal-Bord tat-Tmexxija stieden lill-Bord sabiex jinnomina lil uħud mill-membri tiegħu sabiex jikkostitwixxu gruppi tal-għażla bil-għan li jintervistaw lill-kandidati fuq il-listi ta' riżerva u jirrakkomandaw l-aktar kandidati xierqa sabiex jinħatru mill-Bord.

Għaldaqstant, twaqqaf sottokumitat tal-Bord, kompost mill-membri Belġjan u l-membri Bulgaru tal-Bord, kif ukoll mill-President. L-intervisti mal-kandidati fuq il-lista ta' riżerva għall-pożizzjonijiet ta' Uffiċjal tas-Sigurtà u Uffiċjal tal-Kontabbiltà saru f'Tallinn fit-28 ta' Novembru 2012. Fid-29 ta' Novembru 2012, id-data tat-tielet laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA, inħatru l-Uffiċjal tas-Sigurtà u l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà. L-intervisti għall-pożizzjoni tal-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta saru fil-bidu tal-2013.

4.4. L-Istruttura Organizzattiva

L-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament tat-twaqqif jipprovdi li l-Bord tat-Tmexxija għandu jstabbilixxi l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni. Abbozz tal-Istruttura Organizzattiva ntbagħat lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni fl-ewwel laqgħa tiegħu (Marzu 2012).

L-abbozz tal-istruttura organizzattiva kien ibbażat fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament tat-twaqqif, li jstabbilixxi li:

- is-sede tal-Aġenzija għandu jkun Tallinn, l-Estonja;
- il-kompiti relatati mal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, li għalihom hija responsabbli l-Aġenzija, għandhom jitwettqu fi Strasburgu, Franza, u
- għandu jiġi installat sit ta' riżerva, li jkun kapaċi jiżgura t-tħaddim ta' sistema tal-IT fuq skala kbira f'każ ta' ħsara f'sistema bħal din, f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija.

Il-Bord tat-Tmexxija adotta l-abbozz tal-istruttura organizzattiva b'mod provviżorju u ssottomettih lis-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli mir-riżorsi umani għal

konsultazzjoni, skont l-artikolu 12.1(ċ) tar-Regolament tat-twaqqif. Barra minn hekk, intlaħaq qbil li l-istruttura organizzattiva tista' tiġi riveduta ladarba jkun beda fil-kariga tiegħu d-Direttur Eżekuttiv.

L-abbozz tal-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija ntbagħat lid-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani (DG HR) fit-30 ta' April 2012 sabiex isiru l-kummenti dwaru. Fit-tweġiba tiegħu, id-DĠ HR irrakkomanda li l-Aġenzija ssegwi bir-reqqa l-livell ta' membri tal-persunal iddedikati għall-kompiti orizzontali u tipprova tikkonċentra kemm jista' jkun membri tal-persunal fuq il-kompiti ewlenin. Barra minn hekk, huwa rrakkomanda wkoll li jsiru xi aġġustamenti fl-ismijiet tat-taqsimiet u tad-dipartimenti.

Wara l-ħatra tiegħu, id-Direttur Eżekuttiv ħejja struttura organizzattiva riveduta skont il-kummenti rċevuti mid-DĠ HR. L-istruttura organizzattiva ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija waqt il-laqgħa tiegħu ta' Novembru 2012.

5. IT-TMEXXIJA OPERATTIVA TAS-SISTEMI

Mill-1 ta' Diċembru 2012, eu-LISA saret legalment responsabbli mit-tħaddim tas-sistemi VIS u EURODAC, filwaqt li SIS II għandha tiġi ttrasferita lill-persunal ta' eu-LISA wara t-tnedija tagħha. F'Novembru 2012, il-Bord tat-Tmexxija adotta l-miżuri tas-sigurtà għas-sistemi VIS u EURODAC, li ġew proposti mill-Gruppi Konsultattivi. Madankollu, l-operazzjonijiet ta' kuljum taż-żewġ sistemi għandhom ikomplu jitwettqu mill-membri tal-persunal Franċiżi u mill-persunal tal-Kummissjoni rispettivament għall-ewwel kwart tal-2013, bil-għan li tiġi żgurata tranżizzjoni gradwali. Barra minn hekk, ġie definit pjan ta' Tranżizzjoni tal-VIS sabiex jiġi żgurat it-trasferiment mingħajr xkiel tal-operazzjonijiet minn Franza lil eu-LISA. Fir-rigward tal-EURODAC, il-Kummissjoni u eu-LISA ħolqu pjan sabiex jistabbilixxu link ta' tmexxija mill-bogħod fi Strasburgu, li għandha tippermetti t-tħaddim tas-sistema mis-sit tekniku tal-Aġenzija qabel ir-rilokazzjoni fiżika tagħha.

Tħejja pjan ta' taħriġ speċifiku sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni tal-membri tal-persunal tekniċi ġodda fl-Aġenzija. It-taħriġ ingħata lill-impjegati l-ġodda meta ssieħbu fl-aġenzija eu-LISA. Kull blokk ta' taħriġ dam għaddej madwar xahrejn. Il-pjan tat-taħriġ kien maqsum f'erba' binarji għat-tliet kategoriji ewlenin ta' persunal (Maniġer, Speċjalista tal-IT, Operaturi):

- L-organizzazzjoni tal-aġenzija (pakkett ta' merħba)
- In-negozju (inkluża ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali)
- Id-disinn (li jkopri d-dettalji tekniċi għall-ispeċjalisti)
- L-Operazzjonijiet Tekniċi (li jippermettu li jsiru sessjonijiet ta' taħriġ prattiku u ta' taħriġ fl-impjieġ).

Dan il-programm ta' taħriġ ġie organizzat fi Strasburgu u kien jeħtieġ l-involvement tal-operatur attwali tal-VIS/BMS (C.SIS). Il-pjan ta' taħriġ kien maħsub ukoll sabiex jipproduċi database ta' ġestjoni tal-għarfien, moduli ta' taħriġ elettroniku u metodoloġija tat-taħriġ li tkun tista' terġa' tintuża mill-għalliema interni ta' eu-LISA għat-taħriġ dwar l-impjieġ fil-ġejjieni.

F'Ottubru/Novembru 2012 ġie organizzat taħriġ teoretiku fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu, li kien segwit minn sessjonijiet ta' monitoraġġ u taħriġ, li matulhom il-membri tal-persunal impjegati ġodda ta' eu-LISA setgħu jipparteċipaw b'mod gradwali f'attivitajiet operattivi, bil-għan li jiżguraw it-trasferiment sħiħ tal-operazzjonijiet sal-ewwel kwart tal-2013.

6. L-ISTRUTTURA TAL-BORD TAT-TMEXXIJA U L-GRUPPI KONSULTATTIVI

6.1. Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija

Il-Kummissjoni kienet responsabbli mit-tnejn tal-laqgħa inawgurati tal-Bord tat-Tmexxija fil-funzjoni ta' caretaker u kompliet tkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-laqgħat kollha sussegwenti sakemm daħlu fis-seħħ id-Direttur Eżekuttiv u l-appoġġ segretarjali. Fil-prattika, billi l-aħħar laqgħa tal-2012 saret f'it ġimgħat biss wara li beda bl-inkarigi tiegħu d-Direttur Eżekuttiv, il-Kummissjoni kienet responsabbli mill-organizzazzjoni tat-tliet laqgħat kollha li saru fl-2012.

Id-dettalji organizzattivi rigward il-laqgħa inawgurati tal-Bord tat-Tmexxija, inklużi l-postijiet fejn possibbilment setgħet issir il-konferenza, ġew diskussi mal-awtoritajiet Estonjani fil-ħarifa tal-2011. Wara l-adozzjoni tar-Regolament tat-twaqqif, id-data għal-laqgħa inawgurati tal-Bord tat-Tmexxija ġiet iffissata għat-22-23 ta' Marzu 2012. L-awtoritajiet Estonjani kkonfermaw li huma kienu sejrjn jikkontribwixxu għall-avveniment billi jipprovdu post mgħammar b'kollox għall-organizzazzjoni tal-konferenza, kif ukoll billi joffru ikla uffiċjali.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħtar lir-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Jannar 2012. Barra minn hekk, l-Istati Membri ġew mistiedna jinnominaw lir-rappreżentanti ta' għom u lill-membri supplenti ta' għom fil-Bord tat-Tmexxija sat-22 ta' Jannar 2012, kif mitlub mill-artikolu 13.2 tar-Regolament tal-Aġenzija.

Fil-21 ta' Diċembru 2011, id-DĠ HOME iffirma kuntratt ma' kuntrattur estern, li għandu jkun inkarigat mir-rekwiżiti loġistiċi kollha relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħa inawgurati, bħall-arranġamenti għall-akkomodazzjoni u l-ivvjaġġar, l-ikel, is-servizzi tal-interpretar, il-materjal użat fil-konferenza u l-appoġġ meħtieġ. Il-kuntratt kien ikopri wkoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għall-Membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija u għall-membri supplenti ta' għom. Barra minn hekk, il-kuntratt ippreveda l-għażla li jiġu organizzati żewġ laqgħat addizzjonali tal-Bord tat-Tmexxija, li fil-fatt saru realtà matul l-2012.

Il-laqgħa tat-22-23 ta' Marzu 2012

Matul il-laqgħa inawgurati, is-Sur Matthias Taube, Membru tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżenta lill-Ġermanja, ġie elett bħala President tal-Bord, filwaqt li s-Sur Carlos Goncalves, Membru tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżenta lill-Portugall, ġie elett bħala viċi President. Barra minn hekk, il-Bord adotta r-Regoli ta' Proċedura provviżorji (il-Membri tal-Bord intalbu jibagħtu l-kummenti ta' għom għad-dokument sat-30 ta' April 2012, sabiex b'hekk tkun tista' tiġi adottata verżjoni finali waqt il-laqgħa sussegwenti), flimkien mar-Rapport ta' Attività għall-2011.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-persunal, matul il-laqgħa ġew approvati l-avviżi tal-postijiet battala għall-pożizzjonijiet ta' Uffiċjal tas-Sigurtà, Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta u Uffiċjal tal-Kontabbiltà, kif ukoll il-Pjan ta' Politika Multiannwali tal-Persunal 2013-2015 u l-Istruttura Organizzattiva provviżorja.

Mil-lat baġitarju, il-Bord adotta d-Dikjarazzjoni tal-Estimi tad-Dħul u l-Infiq għall-2013, kif ukoll ir-Regolament Finanzjarju ta' eu-LISA. Sussegwentement, b'konformità mar-Regolament tat-twaqqif, id-dokument intbagħat lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni għal konsultazzjoni.

Il-laqgħa tat-28-29 ta' Ġunju 2012

Matul it-tieni laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija, il-Bord intervista lill-kandidati magħżula fil-lista qasira għall-pożizzjoni ta' Direttur Eżekuttiv u għażel lis-Sur Krum Garkov. Barra minn hekk, il-Bord adotta *d-Deċiżjoni li tippreskrivi arranġamenti prattiċi fir-rigward tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Aġenzija, id-Deċiżjoni li tikkonċerna t-termini u l-kondizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni fir-rigward tal-prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kwalunkwe attività illegali oħra ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni u d-Deċiżjoni li tippreskrivi r-regoli dwar l-issekondar tal-Esperti Nazzjonali (ENS) fl-Aġenzija.*

Wara l-kummenti rċevuti, il-Bord tat-Tmexxija adotta l-verżjoni riveduta tar-Regoli ta' Proċedura u r-Regolament Finanzjarju. Barra minn hekk, ġew adottati wkoll l-Abbozzi tal-Programmi ta' Ħidma għall-2012 u għall-2013, li sussegwentement intbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea sabiex hija tkun tista' tagħti l-opinjoni tagħha dwarhom.

Il-laqgħa tad-29-30 ta' Novembru 2012

L-aħħar laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-2012 ġiet organizzata konsekuttivament mad-dħul fl-operat tal-eu-LISA, li kien previst mir-Regolament tat-twaqqif għal nhar is-Sibt 1-1 ta' Diċembru 2012. Sabiex jiġi kkommemorat l-avveniment, ġiet organizzata konferenza stampa konġunta fil-marġini tal-laqgħa tal-Bord, flimkien mad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, mal-Ministru Estonjan tal-Intern, ma' wieħed miż-żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija u mal-President tal-Bord tat-Tmexxija.

Matul il-laqgħa tal-Bord, inhattru l-Uffiċjal tas-Sigurtà u l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Aġenzija. Barra minn hekk, il-Bord adotta l-abbozz tad-*Deċiżjoni li tistabbilixxi l-proċedura u l-kriterji għall-evalwazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv*, filwaqt li ħatar tnejn mill-membri tiegħu bħala Uffiċjali tar-Rapportaġġ għall-evalwazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv.

Ġiet adottata verżjoni riveduta tal-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija, li inkorporat fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, filwaqt li ġew adottati wkoll il-miżuri ta' sigurtà tal-VIS u l-EURODAC, inklużi pjan ta' sigurtà, pjan ta' kontinwità fin-negozju u rkupru minn diżastri, kif ukoll pjan ta' sigurtà globali tal-Aġenzija. Fir-rigward tal-EURODAC, il-Bord tat-Tmexxija għażel ix-xenarju għar-rilokazzjoni tal-EURODAC, kif propost mill-Grupp Konsultattiv tal-EURODAC.

Fl-aħħarnett, il-Bord tat-Tmexxija ddeċieda li juża eu-LISA bħala akronimu għall-Aġenzija.

6.2. Laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi

Bħal fir-rigward tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni kienet responsabbli mit-tnejn tal-laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi matul l-2012. Għalhekk, nhar il-21 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ieħor ma' kuntrattur estern għall-organizzazzjoni tar-rekwiżiti loġistiċi tal-laqgħat inawgurati tal-Gruppi Konsultattivi fit-tliet konfigurazzjonijiet kollha (SIS II, VIS u EURODAC). Il-kuntratt ippreveda l-għażla li tiġi organizzata s-sessjoni sussegwenti ta' laqgħat tal-Grupp Konsultattiv.

L-ewwel laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi saru f'Tallinn bejn il-5 u s-6 ta' Ġunju (tal-Grupp Konsultattiv VIS), bejn is-6 u s-7 ta' Ġunju (tal-Grupp Konsultattiv SIS II) u bejn is-7 u t-8 ta' Ġunju (tal-Grupp Konsultattiv EURODAC). Minħabba n-nuqqas ta' kandidati, ma ġie elett ebda President għall-Grupp Konsultattiv VIS. Għaldaqstant, l-elezzjoni ġiet posposta għat-tieni laqgħa. Fir-rigward tal-gruppi l-oħrajn, ġew eletti l-Presidenti li ġejjin:

- Is-Sra. Eduarda Peixeiro (ir-rappreżentanta Portugiża għall-Grupp Konsultattiv SIS II)
- Is-Sur Jan Westmar (ir-rappreżentant Svediż għall-Grupp Konsultattiv EURODAC)

It-tieni laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi VIS u EURODAC saru bejn is-16 u s-17 u bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2012. It-tieni laqgħa tal-Grupp Konsultattiv SIS II kienet skedata għall-bidu tal-2013.

Matul il-laqgħat li saru fl-2012, il-Gruppi Konsultattivi pprovdew l-opinjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija fuq firxa varjata ta' kwistjonijiet, bħad-dokumenti tas-sigurtà, il-Programm ta' Ħidma Annwali u r-rilokazzjoni tas-sistema EURODAC.

7. SITI TAL-AĠENZIJA

7.1. Il-bini tal-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, l-Estonja

B'konformità mal-impenn tagħhom li jipprovdu l-bini għall-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn mingħajr ebda ħlas, l-awtoritajiet Estonjani pproponew tmien postijiet li setgħu jospitaw il-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija eu-LISA għal perjodu temporanju sakemm ikun disponibbli l-bini permanenti.

Il-Kummissjoni għażlet lista qasira ta' erba' postijiet, li mbagħad kienu soġġetti għal valutazzjoni intensiva fuq il-post bl-appoġġ ta' servizzi tal-Kummissjoni mogħnija b'kompetenzi tekniċi u ta' sigurtà rilevanti, jiġifieri l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) u d-Direttorat tas-Sigurtà tad-DĠ għar-Riżorsi Umani (HR).

Wara din il-valutazzjoni, il-bini li jinsab f'4, Ravala Street, fiċ-ċentru ta' Tallinn, magħruf bħala "Dar l-UE" (minħabba l-fatt li kemm ir-Rappreżentanza tal-

Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew jinsabu hemmhekk) intgħażel bħala l-aktar sit addattat sabiex jospita temporanjament il-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija sakemm ikun disponibbli l-bini permanenti.

"Dar l-UE" għandha 1,500 metru kwadru ta' spazju disponibbli għal uffiċini u toffri l-possibbiltà li r-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew jaqsmu l-infrastruttura u s-servizzi bejniethom.

L-awtoritajiet Estonjani ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-bini jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Aġenzija u jkun konformi mal-liġi applikabbli u mal-istandards tekniċi. Id-DĠ HOME, b'kollaborazzjoni mal-OIB u mad-Direttorat tas-Sigurtà tad-DĠ HR, abbozza r-rekwiżiti minimi għall-bini temporanju, li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni waqt l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa.

Dan il-proċess issokta sa Novembru 2012, meta l-bini sar disponibbli għall-Aġenzija.

7.2. Is-sit tekniku fi Strasburgu, Franza

L-aġenzija eu-LISA hija responsabbli mit-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u tas-sistema tal-EURODAC. It-tliet sistemi tal-IT bħalissa jinsabu allokatu f'diversi siti distinti¹. Ladarba jiġu akkwistati mill-Aġenzija, is-sistemi tal-IT mistennija jibdeu jitħaddmu minn sit tekniku eżistenti fi Strasburgu (is-sit C.SIS). Filwaqt li s-sit C.SIS bħalissa jappartjeni għall-Gvern Franċiż, Franza impenjat ruħha li tittrasferixxi l-proprjetà tagħha lill-Aġenzija mingħajr ħlas. Barra minn hekk, France impenjat ruħha li ttipprovi lill-Aġenzija, mingħajr ebda ħlas, plott art li tista' tinbena ta' 5,000 metru kwadru maġenb is-C.SIS, bil-ħsieb tal-espansjoni ta' dan tal-aħħar fil-ġejjieni.

Madankollu, is-sit C.SIS qiegħed jilħaq il-limitu tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità tal-ispazju li jista' jospita, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispazju għall-uffiċini u, għaldaqstant, jeħtieġ riarranġament u/jew espansjoni sostanzjali sabiex ikun jista' jiġi konvertit mill-ġdid fis-sit tekniku tal-Aġenzija. FI-2012, il-Kummissjoni nediet studju li huwa mmirat biex jivvaluta s-sit attwali tas-C.SIS u biex jirrakkomanda miżuri speċifiċi għall-konverżjoni mill-ġdid tiegħu f'ċentru tad-dejta tal-aħħar teknoloġija għat-tħaddim tas-sistemi tal-IT bi spejjeż minimi u bl-aħjar użu tar-riżorsi. L-għan speċifiku tal-istudju kien li jipproponi l-aktar xenarju effettiv, flimkien ma' żewġ għażliet alternattivi, li jikkonsistu minn sett ta' miżuri konkreti u skeda tal-implimentazzjoni tagħhom, bil-għan li jkun jista' jinkiseb l-istat operattiv mixtieq tas-sit tekniku bi spejjeż minimi u bl-aħjar użu tar-riżorsi.

Il-konklużjonijiet tal-istudju ġew ippreżentati lill-Bord tat-Tmexxija waqt it-tielet laqgħa tiegħu f'Novembru 2012. Matul dik il-laqgħa, il-Bord talab lill-kuntrattur estern sabiex jiżviluppa ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn l-għażliet ippreżentati, inklużi l-ispejjeż tagħhom fit-tul.

¹ Is-sistemi Ċentrali ta' SIS II u VIS jinsabu fiċ-Ċentru tad-Dejta Franċiż (C.SIS) fi Strasburgu, Franza, filwaqt li s-sistemi ta' riżerva tagħhom jinsabu f'sit sikur qrib Salzburg, l-Awstrija. Is-sistema ta' EURODAC tinsab fil-bini tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu u fi Brussell.

7.3. Ir-rilokazzjoni tas-sistema tal-EURODAC

Billi s-sistema tal-EURODAC bħalissa hija bbażata fil-Lussemburgu, waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-2012 kienet li jiġu definiti l-miżuri meħtieġa għat-trasferiment ta' din is-sistema mil-Lussemburgu lejn Strasburgu u tas-sistema ta' riżerva tagħha lejn Sankt Johann im Pongau.

Matul l-ewwel laqgħa tal-Grupp Konsultattiv EURODAC, li saret f'Tallinn f'Ġunju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat erba' xenarji differenti għar-rilokazzjoni tas-sistema, jiġifieri xenarju li kien jikkonsisti f'ċaqliqa waħda tal-infrastruttura sħiħa tal-EURODAC mil-Lussemburgu lejn Strasburgu u Salzburg; it-tieni xenarju li kkunsidra li l-ewwel iċaqliq it-Taqsima Ċentrali (CU) mil-Lussemburgu għal Strasburgu (permezz tal-attivazzjoni tat-Taqsima Ċentrali ta' Riżerva (BCU) sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti s-servizz mil-Lussemburgu matul iċ-ċaqliqa) u mbagħad, ladarba s-CU tkun operattiva fi Strasburgu, il-BCU tkun tista' tiġi ttrasferita lejn Salzburg. It-tielet xenarju ppreveda żewġ fażijiet: l-ewwel fażi pprevediet il-provvista ta' CU ġdida, identika għas-CU eżistenti sabiex jiġi żgurat l-istess livell ta' preċiżjoni, li għandha tiġi installata fi Strasburgu, flimkien ma' link temporanja għal netwerk kriptat b'veloċità għolja bejn Strasburgu u l-Lussemburgu. Fl-aħħar ta' din il-fażi, is-CU l-ġdida (fi Strasburgu) għandha tkun is-sistema attiva, filwaqt li s-CU eżistenti (dik li hemm fil-Lussemburgu) tkun is-sistema ta' riżerva. Fit-tieni fażi, il-BCU eżistenti tiġi ttrasferita mil-Lussemburgu lejn Salzburg. Fl-aħħar ta' din il-fażi, is-CU l-ġdida (fi Strasburgu) għandha tkun is-sistema attiva, filwaqt li l-BCU eżistenti (dik li hemm f'Salzburg) tkun is-sistema ta' riżerva. Fl-aħħar tal-operazzjonijiet ta' ċaqliq, is-CU eżistenti (fil-Lussemburgu) tiġi żarmata u l-link temporanja tan-netwerk b'veloċità għolja li hemm bejn Strasburgu u l-Lussemburgu tintefa.

Ir-raba' xenarju kkunsidra l-installazzjoni ta' pjattaformi ġodda ta' hardwer tal-IT għas-CU u għall-BCU fi Strasburgu u Salzburg. Ladarba l-infrastruttura tal-IT l-ġdida tiġi kkonsenjata, installata, ikkonfigurata, ittestjata u aċċettata, hija għandha tiġi sinkronizzata mal-infrastruttura l-antika u mbagħad tiġi ffaċilitata sabiex tipproċessa u twieġeb it-talbiet tal-Istati Membri.

Matul il-laqgħa tal-Grupp Konsultattiv li saret f'Ġunju, kienu t-tielet xenarju u r-raba' xenarju li rċevew l-akbar appoġġ. Il-Grupp Konsultattiv EURODAC intalab jagħti l-opinjoni finali tiegħu dwar l-erba' xenarji sas-7 ta' Settembru 2012 u sussegwentement huwa għażel ix-xenarju Nru. 4 bħala x-xenarju ppreferut. Din il-proposta ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija waqt it-tielet laqgħa (Novembru 2012). Barra minn hekk, il-Bord talab lill-Aġenzija u lill-Grupp Konsultattiv EURODAC sabiex flimkien iħejju pjan iddettaljat dwar ir-rilokazzjoni abbażi ta' dan ix-xenarju, li għandu jikkunsidra:

- l-ippjanar taż-żmien
- l-impatt fuq in-netwerk ta' s-TESTA
- l-impatt fuq is-sistemi tal-Istati Membri.

8. FTEHM DWAR IL-KWARTIERI ĠENERALI MAL-ESTONJA U FTEHIMIET DWAR IS-SITI MA' FRANZA U L-AWSTRIJA

8.1. Ftehim dwar il-kwartieri ġenerali mal-Estonja

In-negozjati bdew fl-20 ta' Marzu 2012 u matul is-sena nkiseb progress sinjifikanti dwar it-test tal-ftehim. Il-kwistjonijiet ewlenin li baqgħu miftuħa sa Diċembru 2012 kienu dawn li ġejjin:

- ***Is-sistema legali proposta mill-Gvern Estonjan għall-bini permanenti tal-Aġenzija. L-Estonja pproponiet li tikkostitwixxi dritt ta' superfiċji għall-benefiċċju tal-Aġenzija.*** Il-Kummissjoni, li kienet qiegħda taġixxi f'isem l-Aġenzija, insistiet fuq soluzzjoni legali li tkun konformi mal-prattika ġenerali vasta fi Stati Membri oħrajn li jospitaw korpi jew aġenziji tal-UE, jiġifieri ftehim ta' kiri bejn il-Gvern u l-Aġenzija, minħabba li d-dritt ta' superfiċji jinkariga lill-Aġenzija bit-tmexxija tal-bini u jgħabbiha bil-piżijiet finanzjarji taż-żamma tal-istess bini f'kondizzjoni tajba, inklużi t-tiswijiet strutturali, għajr fil-każ ta' difetti fil-kostruzzjoni. Skont il-ftehim tal-kiri, dawn l-elementi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-sid. F'Diċembru 2012, l-Estonja pproponiet soluzzjoni alternattiva, li permezz tagħha hija tkun tista' tikri l-bini lill-Aġenzija u tittrasferilha l-proprjetà tal-art tal-madwar, li tappartjeni għall-bini. Wara l-konsultazzjonijiet interni li saru, f'Jannar 2013, il-Kummissjoni għarrfet lill-Estonja li din is-soluzzjoni ma kinitx aċċettabbli minħabba li ma kinitx tippermetti lill-Aġenzija tiddisponi mill-proprjetà tal-art liberament. Bħala soluzzjoni alternattiva, il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-proprjetà tal-bini tiġi ttrasferita kompletament lill-Aġenzija. Din is-soluzzjoni ġiet ikkonfermata bħala s-soluzzjoni li għandha tinżamm fil-ftehim.
- ***Id-dispożizzjoni li tippermetti lill-membri tal-persunal tal-Aġenzija jixtru għamara u oġġetti personali mingħajr taxxi, flimkien ma' vettura waħda bil-mutur għal kull familja kull erba' snin.*** In-negozjati fuq dan il-punt issoktaw matul l-2012 u l-Kummissjoni pproponiet li taċċetta dispożizzjoni inqas ambizzjuża konformi ma' dak li qegħdin jingħataw l-uffiċjali tal-UE fil-Belġju. F'Diċembru, l-Estonja kkonfermat li hija ma kinitx sejra tagħti dan id-dritt lill-persunal tal-Aġenzija.

Memorandum ta' qbil għall-bini temporanju

B'mod parallel, il-Kummissjoni ħejjiet u nnegozjat mal-awtoritajiet Estonjani Memorandum ta' Qbil dwar il-bini temporanju, li kien iffirmit mill-Estonja fid-29 ta' Ottubru u mill-Kummissjoni u mill-aġenzija eu-LISA fil-31 ta' Ottubru 2012. L-MoU ppermetta lill-aġenzija eu-LISA tiegħu l-bini temporanju f'idejha b'mod formali. Tali memorandum kien konkluż għal terminu ta' erba' snin u sitt xhur jew sakemm il-bini permanenti ta' eu-LISA jkun disponibbli biex jibda jopera, jekk dan tal-aħħar iseħħ qabel l-iskadenza tat-terminu tal-MoU.

8.2. Ftehim dwar is-Sit permezz tal-Ftehim dwar is-Sit ta' Franza

Ftehim dwar is-Sit.

In-negozjati bdew fil-31 ta' Jannar 2012. Fil-bidu ta' Lulju 2012 saret laqgħa f'Pariġi, iżda ftit li xejn inkiseb progress matul in-negozjati. Franza kellha l-ħsieb li tillimita kemm jista' jkun possibbli l-impenn tagħha għall-kontenut tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet (PPI) tal-UE, filwaqt li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija li l-ambitu ta' tali ftehim dwar is-sit għandu jkun li jkompli jispeċifika d-dispożizzjonijiet tal-PPI, billi jipprovdi modalitajiet konkreti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar it-tassazzjoni, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti, eċċ., kif ukoll billi jipprovdi demarkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u l-impenni min-naħa tal-pajjiż ospitanti fuq naħa waħda u dawk tal-Aġenzija fuq in-naħa l-oħra. Franza rrifjutat li tagħti lill-persunal tal-Aġenzija l-possibbiltà li jixtru għamara u vettura waħda bil-mutur għal kull familja kull erba' snin, minħabba li dan id-dritt ma kienx previst fil-Protokoll. Punt ieħor ta' diverġenza fin-negozjati ma' Franza, li għandu rilevanza għall-Istati Membri, kien relatat mas-sistema applikabbli għall-esperti nazzjonali li għandhom jiġu ssekondati għal Strasburg, billi Franza għandha l-ħsieb li ma tagħti ebda rikonoxximent lil din il-kategorija ta' persunal fil-ftehim dwar is-sit, kif ukoll li ma tagħti ebda faċilitazzjoni fir-rigward tat-tassazzjoni. In-negozjati ma' Franza ssoktaw permezz ta' laqgħat li saru fit-3 ta' Ottubru 2012 u fit-22 ta' Novembru 2012. Sal-aħħar tas-sena nkiseb progress fuq ċerti artikoli, iżda d-dispożizzjonijiet dwar is-sistema fiskali tal-Aġenzija, id-dħul u r-residenza, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-persunal u tal-esperti ssekondati, is-sistema skolastika, il-konnessjonijiet xierqa tat-trasport u l-uffiċċju ta' kollegament kienu għandhom miftuħa.

Fir-rigward tat-trasferiment tal-proprjetà għas-sit fi Strasburg, il-Kummissjoni setgħet taqbel li Franza tittrasferixxi biss il-proprjetà tas-sit ta' C.SIS fl-1 ta' Mejju 2013 (data li tikkorrespondi għad-data prevista meta titlesta l-immigrazzjoni mis-SIS I għas-SIS II). Madankollu, hija talbet li l-bini jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija mingħajr kera mill-1 ta' Diċembru 2012, li hija l-istess data li kienet prevista inizjalment fl-abbozz tal-ftehim dwar is-sit għat-trasferiment tal-proprjetà.

Ftehim ta' kiri ma' Franza

Sadanittant ġew iffinalizzati n-negozjati fuq kuntratt ta' kiri temporanju mingħajr kera mal-Municipalitá ta' Strasburg sabiex l-Aġenzija tingħata titolu legali għall-okkupanza tal-bini. It-terminu tal-ftehim huwa mill-1 ta' Diċembru sad-data tat-trasferiment tal-proprjetà mill-Gvern Franċiż lill-Aġenzija, li għandu jsir sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2013. Il-kuntratt ġie ffirmat mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija fid-29 ta' Novembru 2012 u mill-*Communauté Urbaine de Strasbourg* fis-17 ta' Diċembru 2013. Il-kuntratt għandu jibqa' validu sakemm jiġi ffirmat l-att tat-trasferiment tal-proprjetà lill-Aġenzija, li għandu jsir sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2013.

8.3. Ftehim dwar is-Sit permezz tal-Ftehim dwar is-Sit tal-Awstrija

Ftehim dwar is-Sit.

In-negozjati bdew fit-3 ta' Frar 2012. F'laqgħa li saret fi Vjenna nhar 1-10 ta' Ottubru 2011, intlaħaq qbil li l-Awstrija għandha tipprovdi l-ewwel abbozz tal-ftehim u li l-Kummissjoni għandha tipprovdi abbozzi għal xi dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tagħha f'każ ta' kommutazzjoni għas-sistema ta' riżerva. Id-diskussjonijiet kienu jkopru wkoll is-sitwazzjoni kuntrattwali attwali mal-Awstrija. Kif ġie maqbul waqt il-laqgħa, fit-2 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Awstrija, fejn hija talbet l-appoġġ tal-Awstrija għall-ospitar tal-Aġenzija, filwaqt li magħha hemżet id-dokumenti maqbula. Fis-17 ta' Settembru waslet it-tweġiba tal-Awstrija, fejn hija hemżet abbozz tal-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali u ħabbret li dan it-test għandu jiġi kkomplimentat minn ftehim separat, li jkun ikopri l-kwistjonijiet l-oħrajn li għandu jintlaħaq qbil dwarhom u li għandu jitħejja mill-awtorità Awstrijaka kompetenti. Fl-10 ta' Diċembru 2012 saret laqgħa oħra. Matul in-negozjati seta' jsir progress tajjeb, għalkemm ma ntlaħaq ebda qbil fuq dispożizzjonijiet importanti bħal dawk dwar id-definizzjonijiet, il-bini, il-privileġġi u l-immunitajiet għall-persunal, l-esperti ssekondati u l-assistenza u l-kooperazzjoni f'każ ta' falliment parzjali jew komplet tas-sistema Ċentrali. Barra minn hekk, inkiseb ukoll ċertu progress fuq il-ftehim separat dwar ir-rekwiżiti għall-attivazzjoni tas-sistema ta' Riżerva, għalkemm l-Awstrija llimitat l-appoġġ li kienet lesta tagħti lill-Aġenzija. Fit-28 ta' Jannar 2013 saret laqgħa oħra, li matulha nkiseb progress ulterjuri.

Memorandum ta' qbil dwar is-Sit ta' Riżerva

Il-Kummissjoni ħejjiet Memorandum ta' Qbil li għandu jieħu post il-kuntratt eżistenti għall-bini kkuntrattat tas-sit ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau bil-għan li s-servizzi meħtieġa jiġu adattati għall-qafas legali tar-Regolament tal-Aġenzija, li ġie sottomess lill-Awstrija fil-bidu tal-2013.

9. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA

Il-Kummissjoni kienet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit ta' eu-LISA minn mindu twaqqfet din l-aġenzija f'Ottubru 2011. Dan l-arranġament għandu jibqa' validu sakemm eu-LISA tikseb l-indipendenza finanzjarja tagħha, li bħalissa hija skedata għal Mejju 2013.

B'riżultat ta' dan, matul l-2012, il-Kummissjoni nediet u amministrat f'isem eu-LISA serje ta' proċeduri tal-akkwist għal prodotti u servizzi, li wasslu għall-iffirmar ta' bosta Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz (SLAs)² u kuntratti.

Fir-rigward tal-SLAs, il-Kummissjoni kkonkludiet SLA mal-OIB sabiex jiġu pprovduti spazji ta' uffiċini temporanji fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell għall-membri tal-persunal impjegati ġodda ta' eu-LISA qabel ikun disponibbli l-bini

² Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (SLA) huwa ftehim formali bil-miktub bejn żewġ partijiet: il-fornitur tas-servizz (DG jew Aġenzija) u r-riċevitur tas-servizz (pereżempju Aġenzija), bil-għan li jiġu pprovduti servizzi speċifiċi lir-riċevitur.

temporanju f'Tallinn. Minbarra dan, hija ffirmat ukoll SLA maċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE (CdT) sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' traduzzjoni lill-aġenzija eu-LISA, kif stabbilit fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament, kif ukoll SLA mad-DĠ għall-Baġit għall-installazzjoni ta' ABAC (sistema ċentrali kompjuerizzata tal-finanzi u l-kontabbiltà użata mill-Kummissjoni) fil-bini ta' eu-LISA. Fil-qasam tar-riżorsi umani, il-Kummissjoni ffirmat SLA mad-DĠ għar-Riżorsi Umani li jkopri t-taħriġ, is-servizzi mediċi u s-servizzi tas-sigurtà għall-persunal ta' eu-LISA, kif ukoll SLA mal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) għall-provvista ta' servizzi bħall-amministrazzjoni u l-ħlas tas-salarji, missjonijiet, assigurazzjoni kontra l-mard, assigurazzjoni kontra l-inċidenti u assigurazzjoni kontra l-mard okkupazzjonali, kif ukoll id-determinazzjoni tal-intitolamenti tal-pensjoni u l-benefiċċji tal-qgħad u tal-invalidità.

Fuq talba ta' eu-LISA, matul l-2012 inkisbu diversi prodotti u servizzi bil-għan li jappoġġjaw il-funzjonament ta' kuljum ta' eu-LISA, primarjament permezz tal-użu tal-kuntratti qafas eżistenti tal-Kummissjoni. Il-maġġoranza tagħhom kienu relatati mal-IT, bħall-installazzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni privata u assigurata ġestita (s-TESTA) fis-siti f'Tallinn u fi Strasburgu; l-installazzjoni u l-provvista tal-broadband internet fis-sit f'Tallinn; it-tnejn tad-disinn tal-infrastruttura tal-IT meħtieġa għas-siti f'Tallinn, fi Strasburgu u f'Sankt-Johann im Pongau; u x-xiri ta' laptops, printer, telefons ċellulari u hard drives³. Barra minn hekk, inxtraw ukoll għamara għas-sit f'Tallinn u provvisti tal-uffiċċji għas-siti f'Tallinn u fi Strasburgu. Wara l-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija li saret f'Novembru, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt għal analiżi aktar dettaljata ta' waħda mill-għażliet possibbli li ġew proposti għall-konverżjoni mill-ġdid tas-sit fi Strasburgu. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni ffirmat Ftehim mal-Parlament Ewropew għall-kiri tal-kmamar tal-laqgħat fil-bini tal-Parlament fi Strasburgu sabiex ikunu jistgħu jsiru l-attivitajiet ta' taħriġ għall-membri tal-persunal ta' eu-LISA li ġew impjegati dan l-aħħar u għal dawk li huma bbażati fi Strasburgu.

Mil-lat operattiv, fid-29 ta' Awwissu 2012 ġie ffirmat il-Kuntratt ta' Qafas li jikkonċerna ż-żamma tal-VIS f'kondizzjoni li taħdem tajjeb għal perjodu ta' 3 snin. Matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2012 ġew iffirmati disa' kuntratti speċifiċi li jimplementaw il-Kuntratt ta' Qafas. Dawn il-kuntratti jikkonċernaw il-manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluzzjonarja tas-sistema. Fir-rigward tal-manutenzjoni ta' SIS II, fl-4 ta' Diċembru 2012 ġie ppubblikat l-avviż tal-kuntratt għas-Sejħa ristretta għall-Offerti bi skadenza sat-28 ta' Jannar 2013 għas-sottomissjoni tal-kandidaturi. Skont l-iskeda taż-żmien attwali, is-sejħa għall-offerti għandha ssir f'nofs Marzu 2013, filwaqt li l-iffirmar tal-Kuntratt ta' Qafas b'terminu massimu ta' 4 snin huwa previst għas-sajf tal-2013.

Minbarra s-servizzi ta' akkwist deskritti hawn fuq, matul l-2012, il-Kummissjoni pprovdiet ukoll appoġġ loġistiku u amministrattiv għall-missjonijiet tal-persunal ta' eu-LISA. Il-kuntratti u l-SLAs kollha għandhom jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija ladarba

³ Wara l-1 ta' Diċembru, l-Aġenzija nediet proġett intern għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni infrastrutturali kompleta għall-organizzazzjoni, li kienet tinkludi l-provvista u l-installazzjoni tal-broadband internet fis-siti f'Tallinn u fi Strasburgu, id-disinn u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura korporattiva tal-IT, kif ukoll sistemi u għodod ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni meħtieġa għall-operat normali tal-Aġenzija.

hija tikseb l-indipendenza finanzjarja tagħha.